# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 14 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 174/2024 CL

**Food Chain Limited** (C753)

**VERSUS**

**Charmaine Farrugia** (KI nru: 296993M)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-12 ta' Gunju, 2024, fejn is-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jordna u jikkundana lill-konvenuta thallas is-somma ta' elfejn mitejn u disghin euro u tmintax il-centezmu (€2290.18) rapprezentanti ammont ta' flus li l-konvenuta zammet ghandha illegalment u illi ssugwetement gie iffirmat ftehiem fejn il-konvenuta ikkonfermat illi kienet ser thallas l-ammont ta' €2,290.18 lis-socjeta attrici bil-pagamenti mensili izda ma saru ebda pagamenti (Dok A). Minkejja li giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjlai bin-numru 2426/23 baqghet inadempjenti. Bl-ispejjez, drittijiet u imghaxijiet legali mid-data tal-ftehiem sal-pagament efettiv inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali 2426/23 kif ukoll b'riserva ghal kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2025, it-Tribunal kien innota li l-konvenuta kienet notifikata, izda la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-

talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2025, xehed Frederick Cauchi in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li ikkonferma li l-ammont ta' €2,290.18 kien dovut u ma kien hemm ebda pagamenti minghand il-konvenuta. Illii fl-istess seduta giet ipprezentata kapitoli fil-konfront tal-konvenita u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-subizzjoni. Fis-seduta tas-7 ta' April 2025, il-konvenuta msejha ghas-subizzjoni ma dehritx u b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret hi, jew xi rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuta, kien fi stat ta' kontumacja.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti li gew ipprezentant fosthom il-ftehiem ghal-pagamenti mensili ghal ammont dovut ta' €2,290.18 li gie iffirmat fil-21 ta' April 2023 bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta u x-xhieda ta' Frederick Cauchi.

Ghalkemm il-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni flimkien mal-provi li gew ipprezentati l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta thallas is-somma ta' elfejn mitejn u disghin euro u tmintax il-centezmu (€2290.18) bl-imghax legali mid-data tal-pezetata

tal-kawza, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji[1] marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] L-ipsejjez tal-ittra ufficjlai mhux qeghdin jigu ikkonsidrati stante li ma gewxipprezentata kopji legali.